MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 696/2009

APS Bank Limited (C-2192)
vs
(1) Malson Limited (C-23066) bhala d-debitrici principali u (2) Michael Mifsud u (3) Mary Rita Mifsud bhala garanti in solidum ta’ Malson Limited (C-23066)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti li bih espona:

1. Illi s-socjeta` intimata Malson Limited hija d-debitrici principali tas-socjeta` rikorrenti u l-intimati Michael Mifsud u Mary Rita Mifsud huma garanti *in solidum* tad-debitrici principali Malson Limited [u dan skond kuntratt ippubblikat min-Nutar Anthony Grech Trapani datat 11 ta’ Frar 1999 (kopja annessa mar-rikors u immarkata bhala Dokument A) fis-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u tnejn u tmenin Euro u disgha u hamsin Euro centezmi (Euro 25,882.59)], dovuta lis-

socjeta` mittenti u rapprezentanti in kwantu ghal hamsa u ghoxrin elf, mitejn u sbatax-il Euro u tletin Euro centezmi (Euro25,217.30) bilanc dovut fuq il-kont *overdraft for regularisation* numru 20000371676 (kopja annessa mar-rikors u immarkata bhala Dokument B) u in kwantu ghal sitt mija u hamsa u sittin Euro u disgha u ghoxrin Euro centezmi (Euro665.29) bilanc dovut fuq il-kont kurrenti numru 20000655415 [kopja annessa mar-rikros u immarkata bhala Dokument C] oltre l-imghax ulterjuri b'effett mit-30 ta' Gunju, 2009 sal-pagament effettiv.

2. Illi l-imsemmi ammont komplessiv huwa dejn cert, likwidu u dovut mill-intimati lis-socjeta` rikorrenti u fil-fehma ta' l-istess socjeta` rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi, fil-fehma ta' l-istess socjeta` attrici, il-konvenuti m'ghandhomx ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont komplessiv;

3. Illi ghalkemm l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-ammont hawn fuq imsemmi lis-socjeta` rikorrenti, inkluz b'ittri legali datati 29 ta' Frar 2008 u ittra ufficjali datata 30 ta' Mejju 2008 [kopji annessi mar-rikors u immarkati bhala Dokument D, Dokument E, Dokument F u Dokument G rispettivament] huma baqghu inadempjenti;

4. Illi r-rapprezentanta tas-socjeta` rikorrenti ghandha konjizzjoni ta' dawn il-fatti;

5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti biex prevja d-dispensa mis-smigh a tenur ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u tnejn u tmenin Euro u disgha u hamsin Euro centezmi (Euro 25,882.59) dovuta lis-socjeta` mittenti u

rapprezentanti in kwantu ghal hamsa u ghoxrin elf, mitejn u sbatax-il Euro u tletin Euro centezmi (Euro 25,217.30) bilanc dovut fuq il-kont *overdraft for regularisation* numru 20000371676 (kopja annessa mar-rikors u immarkata bhala Dokument B) u in kwantu ghal sitt mija u hamsa u sittin Euro u disgha u ghoxrin Euro centezmi (Euro 665.29) bilanc dovut fuq il-kont kurrenti numru 20000655415 [kopja annessa mar-rikors u immarkata bhala Dokument C] oltre l-imghax ulterjuri b'effett mit-30 ta' Gunju, 2009 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittri legali datati 29 ta' Frar 2008, ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Mejju 2008, u bl-imghax ulterjuri b'effett mit-30 ta' Gunju 2009 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, li huma mil-lum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat in-nota ta' ammissjoni ta' Mary Rita Sammut (fol 30)

Rat illi l-intimati Malson Limited u Michael Mifsud debitament notifikati ma dehrux ghas-seduta tal-lum u ma deher hadd ghalihom.

Xehdet <u>Cheryl Azzopardi</u>, *Signatory Clerk* mal-APS Bank u qalet li minn meta gie prezentat ir-rikors guramentat sal-lum ma thallas xejn.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk, fuq l-ammissjoni ta' Mary Rita Sammut, u peress li l-intimati l-ohra ma dehrux illum, il-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi bid-dispensa mis-smigh a tenur ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tilqa' t-talba tal-bank rikorrent u qed tikkundanna lill-intimati

jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u tnejn u tmenin Euro u disgha u hamsin Euro centezmi (Euro 25,882.59) dovuta lis-socjeta` rikorrenti u rapprezentanti in kwantu ghal hamsa u ghoxrin elf, mitejn u sbatax-il Euro u tletin Euro centezmi (Euro 25,217.30) bilanc dovut fuq il-kont *overdraft for regularisation* numru 20000371676 (kopja annessa mar-rikors u immarkata bhala Dokument B) u in kwantu ghal sitt mija u hamsa u sittin Euro u disgha u ghoxrin Euro centezmi (Euro 665.29) bilanc dovut fuq il-kont kurrenti numru 20000655415 [kopja annessa mar-rikors u immarkata bhala Dokument C] oltre l-imghax ulterjuri b’effett mit-30 ta’ Gunju, 2009 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittri legali datati 29 ta’ Frar 2008, ta’ l-ittra ufficjali datata 30 ta’ Mejju 2008, u bl-imghax ulterjuri b’effett mit-30 ta’ Gunju 2009 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------